Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09

It- Tnejn,17 ta' Frar 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.11pm

## 09.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

09.1.1 Il-Kunsilliera Camille Scerri bgħatet tinforma lis-SE li ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba li kienet tinsab indisposta. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija

## 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

09.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tmien Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

09.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 09.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

09.3.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li s-CCTV's installati ġewwa Greeks Gate u Triq Testaferrata issa bdew jaħdmu u jispera' li fiz-zmien li ġej l-effett ta' dawn il-cameras jibda jinħass biex b'hekk terġa tiġi stabbilita'ordni għat-traffiku ta' vetturi quddiem id-daħla ta' Vilhena Gate u Greeks Gate.

09.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-installar il-ġdid tad-dawl madwar is-swar ta' l- Mdina b'finanzjament minn Infrastructure Malta wasal biex jġi konkluz

09.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li Infrastructure Malta ħarġet sejħa għal offerti rigward installazzjoni ta' pavimentar ġdid f'zoni partikulari ġewwa l-Mdina.

09.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li kellu meeting ma' uffiċċjali mid- Dipartiment tax- Xogħlijiet fejn fiha ġie diskuss il-pjan ta' xogholijiet b'rabta' mal- Framework Areement li sar bejn il-Kunsill u l-Gvern Ċentrali

## 09.4 Rapport Finanzjarju għat Tlett Xhur minn Ottubru sa Diċembru 2024

09.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

09.4.2 Rapporti finanzjarji ġew approvati mill-Kunsill unanimament

**09.5 Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għas- Sena 2024- Approvazzjoni**

09.5.1 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill

09.5.2 Ingħatat spjegazzjoni mill-accountant tal-Kunsill fuq dan id-dokument u s- Sindku ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

09.5.3 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024 ġie approvat unanimament

**09.6 Medieval Mdina 2025- Aġġornament**

09.6.1 Is- SE infuma lil Kunsill li b'rabta ma' l-iskemi li ħareġ id- Dipartiment għal- Gvern Lokali fejn tirrigwarda l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali SPI.SCI.02.2025, l-applikazzjonijiet ser tiġi kkunsidrati huma biss għal dawk il-Kunsilli li ser jorganizzaw l-attivita'tagħhom bejn 1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Mejju 2026. Medieval Mdina sejra ssir bejn it- 3 u l-4 ta' Mejju 2025 u għaldaqstant jista' jagħti l-lok li l-applikazzjoni tagħna ma tiġix aċċettata.

09.6.1.1 Is- Sindku qal li għandna niktbu minnfih lid- Dipartiment għax jemmen li jkun qed jonqos mir-responsabbilitajiet tiegħu jekk jalloka ammont sostanzjali ta' flus għal attivita'meta' ma jkunx jaf x'jista jinqala' fil-lokalita' minn dak iz-zmien li tkun għalqet l-iskema iġiefieri l'fuq minn sena qabel. Għaldaqstant bħala Kunsill għandna napplikaw xorta.

09.6.2 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-applikazzjoni għal l- Iskema għall- Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 SPI.SCI.02.2025 għal approvazzjoni tal-Kunsill.

09.6.2.1 Il-Kunsill approva unanimament din l-applikazzjoni

09.6.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu kwotazzjonijiet mitluba minn lukandi f'Malta li setgħu jakkomodaw madwar mija ħamsa u għoxrin ruħ barrani bejn it-3 u l-5 ta' Mejju

09.6.2.1 Il-Kunsill approva li dawn il-gruppi barranin jitqegħdu ġewwa St Blubay apartments, Qawra Holiday Complex u Point de View peress li kienu l-irħas offerti u kmamar kienu għad-disposizzjoni għal dak nhar.

09.6.3 Is- SE qal ukoll li ser ssir laqgħa mal-gruppi Maltin ta' re-enactors fejn waqt din il-laqgħa ser tiġi diskussa l-loġistika kif ukoll l-programm ta' attivitajiet li ser isiru waqt il-festival

**09.07 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

09.7.1 Imperium Europa- Talba għal attivita' politika ġewwa l-Mdina. Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

09.7.2 Malta Classic- Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Mdina Classic ta' din is-sena sejra ssir bejn is- 27 u 28 ta' Settembru 2025

09.7.3 DLG- Siti ta' Patrimonju li jeħtieġu Restawr- Il-Kunsill qed jissuġerixxi l-għajn ta' Għajn Hammam u Casino Notabile

09.7.4 DLG- Mizura tal-Budget dwar is- Saħħa Mentali- Il-Kunsill ħa nota ta' l-email

09.7.5 Moto Guzzi Malta Club- Talba biex għaqda dilettanti tal-muturi itellgħu wirja ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill qed joffri l-area tat- Tomba għal din il-wirja.

**09.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

09.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 17 ta' Frar 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 27,685.98

09.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**09.09 Tmiem tal- Laqgħa**

09.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.38pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' Marzu 2025 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___24 ta' Marzu 2025__